# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2028/98 AJM

Kawza numru 34

Sandro Bonello

Vs

Paul Genovese u Darren Micallef

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fit-2 ta' Jannar 1997 waqt li hu kien jsuq il-kar Daewoo nru PIZ 647 f'Tal Barrani, limiti Zejtun din sfat involuta f'habta mal-Motor cycle nru Q-3179 misjuq mill-konvenut Paul Genovese li dahal fuq id-Daewoo wara li habat mal-kar Mini nru T-2065 misjuqa mill-konvenut Darren Micallef u fl-incident id-Daewoo sofriet hsara kbira; illi l-hsara ammontat ghal LM1,714.77; illi minkejja li gew interpellat darbtejn b'ittra ufficjali biex il-konvenuti jew min minnhom jaghmlu tajjeb ghall-hsara, dawn baqghu inadempjenti; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni mgarrba mill-istanti, kienu jahtu l-konvenuti jew

min minnhom minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti; talab li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li, b'rizultat tal-istess sofra l-attur.
2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' LM1,714.77 jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.
3. Tikkundannahom jew min minnhom ihallsu l-quantum dikjarat u likwidat bhala dovut lill-istanti in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi LM21 ta' konsult u ittra lill-assikuraturi nvoluti datata 28.01.97; dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 1997 (b'erba' notifiki); dawk tal-ittra ufficjali tat-23.09.98; dawk tal-ittra ufficjali tal-lum lil zewg kumpaniji assikuratrici (ai termini tal-Kap 104) u bl-imghax minn notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota ta' Paul Genovese presentata fl-24 ta' Marzu 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana peress li l-incident imsemmi tat-2 ta' Jannar 1997 gewwa tal-Barrani Road, ma sehhx b'negligenza, imprudenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-eccipjent izda sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut l-iehor

f'dina c-citazzjoni Darren Micallef u dana meta l-imsemmi Darren Micallef meta kien qed isuq il-vettura tieghu nru T-2065 qabad u qasam il-karreggata ghal fuq l-eccipjent li kien qed isuq il-mutur bil-konsegwenzi kollha.

2. Illi ghalhekk il-konvenut Genovese ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda danni allegatament sofferti mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Genovese.

Rat in-nota tal-konvenut Micallef presentata fit-30 ta' Marzu 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes fil-konfront ta' l-esponenti stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut l-iehor Paul Genovese, tal-mejta Marion Mizzi u ta' terzi li sa llum l-esponenti mhux informat bl-identita' taghhom.
2. Illi ma kienx hemm il-possibilita' li l-esponent jipprevedi l-in cident minhabba l-velocita' eccessiva u s-sahha li bihom gie investit mill-mutur li fuqu kienu rekbin il-mejta Marion Mizzi u l-konvenut l-iehor Genovese u ghalhekk ma jistax jkun responsabbli ta' l-incident.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-quantum tal-hsara dikjarata huwa eccessiv.
4. Illi l-attur ma jistax jitlob spejjes extra gudizzjarji u lanqas ma jista' jitlob imghax ghall-ammont da likwidarsi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut Micallef.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-30 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tallum bil-fakolta' lill-partijiet li jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet – liema noti ma gewx ippresentati.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh fit-2 ta' Jannar 1997 ghal-habta tat-tleita neqsin kwart ta' wara nofs inhar gewwa tal-Barrani Road, limiti taz-Zejtun ezatt quddiem il-fetha fis-cetre strip qabel ma tidhol lejn iz-Zejtun. Involuti fl-incident kien hemm tlett vetturi. Karozza Daewoo numru PIZ 647 misjuqa mill-attur li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Santa Lucia bl-intenzjoni li ddur lejn ix-xellug ghaz-Zejtun. Il-Mini Minor numru T-2065 misjuqa mill-konvenut Darren Micallef u li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb bl-intenzjoni li tghaddi mill-fetha fis-centre strip biex tibqa' sejra lejn iz-Zejtun, u l-Motor Cycle Yamaha Virago numru Q-3179 ta' cilindrata qawwija, misjuqa mill-konvenut Paul Genovese li kien sejjer mid-direzzjoni ta' Bir Id-Deheb lejn Santa Lucia. Irrizulta li fl-inhawi tal-incident u sejjer fl-istess direzzjoni tal-konvenut Genovese kien hemm Motor Cycle iehor, ukoll ta' cilindrata qawwija, misjuq minn certu Jamie Sammut.

L-incident sehh billi l-motor cycle misjuq minn Genovese habat fuq il-gemb lemini tal-Mini Minor, bl-impatt din inqasmet minn nofs u wara l-istess mutur, bil-pillion rider Marion Mizzi, li tilfet hajjitha fl-incident, baqa jikaxkar ghal cirka mitt pied fuq in-naha l-hazina tat-triq u spicca biex habat mal-vettura misjuqa mill-attur u kkagunalha hsarat estensivi.

Mill-fattispecjie tal-kaz wiehed jista' mill-ewwel jghid li l-attur bl-ebda mod ma jista' jinghad li kellu xi tort fl-akkadut jew li kkontribwixxa ghall-incident. Huwa kien gej fuq il-karreggata tieghu b'mod normali u gie milqut minn Motor Cycle li gie kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq wara impatt ma vettura ohra. Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti ghalhekk tirrizolvi ruhha dwar min mill-konvenuti kien jahti ghall-l-ewwel incident, cioe dak bejn il-Motor Cycle ta' Genovese u l-Mini ta' Micallef, li eventwalment wassal ghall-hsara fil-vettura ta' l-attur. U jekk kien hemm kontributorjeta da parti taz-zewg sewwieqa, fliema proporzjoni din ghandha tinqasam.

Naturalment hemm verzjonijiet konfliggenti ta' kif sehh l-incident. Fil-waqt li l-konvenut Micallef isostni li qabel ma gie l-mutur fuqu bi speed qawwi, huwa kien gja wieqaf fil-fetha fis-centre strip, bl-indicator jixghel, u f'dan huwa korroborat mill-attur innifsu, l-konvenut Genovese, korroborat mis-sewwieq tal-mutur l-iehor Jamie Sammut, jsostni li l-konvenut Micallef dar quddiem f'salt – cioe minn naha tax-xellug tat-triq lejn il-fetha fis-centre strip, b'mod li ostakolalu l-passagg tieghu.L-istess Genovese kif ukoll Sammut jghidu li ma kienux jtelqu, li ma kienux jafu lill-xulxin u li kienu mixjin bi speed relattivament baxx ta' cirka 50 m.f.s. L-accettazzjoni ta' verzjoni jew ohra tirrifletti fuq il-kwistjoni ta' responsabbilita' billi jekk verament Micallef kien wieqaf, kif jghid, l-incident sehh minhabba tort ta' Genovese li ma kellux proper look out jew tilef il-kontro minhabba xi speed eccessiv. Mil-banda l-ohra t-tezi ta' Genovese titfa' t-tort fuq Micallef billi vettura qatt ma ghandha taqsam minn lane ghal ohra minghajr l-prekawzjonijiet mehtiega u partikolarment meta jkunu qed joqorbu vettura ohra minn wara.

Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti tibda biex tiddikjara li hija ma tistax taqbel ma l-ispeed dikjarat mill-konvenut Genovese kif ukoll minn Sammut. Jinghad qabel xejn li hemm ragunijiet bizzejjed biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li z-zewg muturi, ghalkemm misjuqa minn persuni mhux maghrufa lil xulxin, kien fil-hin tal-incident, qeghdin jitelqu. Dan jidher mil-mod kif kienu qed jaqbzu lill-xulxin, daqqa wiehed u daqqa l-iehor, fit-triq bejn Birzebbugia u Bir-Id-Deheb. Infatti jirrizulta ukoll li hekk kif il-mutur qabzu l-build up area maghrufa bhala Bir Id-deheb, il-konvenut Genovese donnu ghafas l-accelerator u fi ftit attimi kien gja mexa ‘l quddiem mill-mutur l-iehor ghal distanza ta’ cirka mitt metru. Barra minn hekk l-ispeed ukoll jidher mill-fatt kif bl-impatt bejn l-mutur ta’ Genovese u l-kar ta’ Micallef, din il-karozza litteralment inqasmet minn nofs, qiesu b’daqqa ta’ sikkuna, billi l-parti ta’ quddiem cioe il-bonnet u l-parti tal-windscreen tqactet mill-parti maghrufa bhala passenger compartment. Bid-daqqa dawn iz-zewg partijiet tal-kar ta’ Micallef gew mitfuha l-quddiem ghal distanza ta’ xi 30 pid bil-parti ta’ wara fil-karreggata gejja mid-direzzjoni ta’ Santa Lucia u l-parti ta’ quddiem fil-karreggata gejja mid-direzzjoni ta’ Bir id-Deheb. Id-distanza bejn dawn il-partijiet tal-istess vettura kienet cirka 30 pid ohra. B’dan l-impatt izda l-istess mutur ta’ Genovese ma waqafx, kif wiehed kien jistenna li jaghmel bi speed dikjarat ta’ 50 m.f.s. u baqa jitkaxkar ma l-art ghal distanza ta’ cirka 100 pid u habat fil-vettura ta’ l-attur u kkawza hsarat fl-ammont ta’ cirka LM1,700.

Dan l-ispeed dikjarat mill-konvenut Genovese ukoll mhux accettabbli billi jinsab kontradett mix-xhieda ta’ l-attur Bonello u dik tal-konvenut Micallef li t-tnejn semmew speed eccessiv. Jidher ghalhekk li certament l-konvenut Genovese kellu xi responsabbilita’ ghal dak li gara billi kien qed jikkontravjeni regola basika tas-sewqan u cioe li ssuq entro

l-massimu permess mir-regolamenti. Dan il-fattur wahdu izda ma jwassalx necessarjament ghal konkluzzjoni li Genovese ghandu jirrispondi ghad-danni kollha sofferti mill-attur. Irid jigi stabbilit jekk, apparti li speed eccessiv, kienx hemm xi fattur iehor li kkontribwixxa ghall-akkadut u li minghajru l-incident ma kienx jigri.

Il-konvenut Genovese qed isostni li l-habta grat billi l-Mini Minor misjuqa minn Micallef daret f'daqqa wahda lejn il-lemin b'mod li ostakolatlu l-passagg. Ix-xhud Sammut ikkorrobora din il-verzjoni billi jghid li huwa ra l-vettura ta' Micallef hierga kif qal Genovese. Izda ix-xhud Gabriella Serra li kienet rikba "pillion" fuq il-mutur misjuqa minn Sammut, qalet li hija qatt ma rat il-Mini Minor mixja u li dejjem rata wieqfa fil-fetha tas-centre strip lesta biex taqsam ghaz-Zejtun. Il-konvenut Micallef dwar dan jghid li huwa kien gie mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb u dahal ghand tal-pompa tal-petrol li hemm fuq ix-xellug tat-triq lura minn fejn gara l-incident u l-isfel minn Bir id-Deheb. Wara li ha l-petrol Micallef jghid li huwa, hekk kif hareg minn hdejn il-pompa, gibed lejn is-centre strip peress li ried jmur lejn iz-Zejtun. Micallef jsostni li huwa qatt ma mexa fuq il-lane ta' mal-bankina u dejjem zamm man-naha tas-centre strip. Kif wasal fil-fetha huwa kellu jieqaf billi kien gej traffiku mid-direzzjoni ta' Santa Lucia inkluza karozza tal-linja u qaghad hemm jistenna sakemm t-triq tkun libera meta gie milqut mill-mutur ta' Genovese.

Dwar dan l-attur xhed ukoll b'mod kategoriku billi qal li waqt li huwa kien sejjer fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb bi speed normali u bla traffiku iehor, osserva il-Mini Minor ta' Micallef wieqfa fil-fetha tas-centre strip quddiem it-triq taz-Zejtun bl-indicator mixghewl. Huwa jkompli jghdi li

ra l-mutur ta' Genovese gej mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb bis-sahha u mixi vicin is-centre strip u habat gol Mini li kienet wieqfa.

Il-Qorti hassitha disturbata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti biss wara li marret fuq il-post biex tezamina l-lokalita' tal-incident kif ukoll il-vizwali li tippermetti t-triq int u gej minn naha ta' Bir id-Deheb irrizulta li ghalkemm lura mill-ispot of impact it-triq hija dritt jew tippermetti vizwali tajba ghal certa distanza, aktar lura mill-pompa tal-petrol hemm kurva lejn il-lemin (int u thres lejn Bir Id-Deheb) b'mod li il-vizwali hija ostakolata kompletament ghal minn gej minn dik id-direzzjoni. Issa kif gja rajna aktar l-fuq l-mutur ta' Genovese kien mixi b'certa sahha b'mod li jkopri d-distanza mil-kurva sal-ispot of impact f'daqqa ta' ghajn. Ghalhekk il-konvenut Genovese seta facilment gie mfixkel mill-vettura ta' Micallef li kienet wieqfa hdejn is-centre strip hekk kif hareg minn wara din il-kurva. Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-verzjoni ta' Micallef hija aktar kredibbli u konsegwentement dan ma jistax jinzamm responsabbli ghall-akkadut.

Illi dwar id-danni sofferti mill-attur iddikjara fil-premessi tac-citazzjoni li nefaq LM1714.77 sabiex jsewwi l-hsara u spejjes relatati mal-incident. Izda mill-kontijiet ezebiti jirrizulta li l-ispejjes konnessi mat-tiswija kienu jammontaw ghas-somma ta' LM1544 kif jidher mill-invoice ta' Starlight Garage tat-30 ta' Settembru 1997 (kif sopportata bid-diversi ricevuti ta' spare parts) u barra minn hekk l-attur hallas is-somma ta' LM75 ghall-kiri ta' vettura skond l-ircevuta Dok C. B'kollox ghalhekk l-attur nefaq is-somma komplessiva ta' LM1619 u mhux l-ammont reklamat fic-citazzjoni. Id-danni attrici, fl-assenza ta' prova kontrarja qed jigu likwidati fis-somma imsemmija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut Darren Micallef ma kellu ebda tort ghall-incident fuq imsemmi u ghalhekk tillberah minn kull responsabbilita ghad-danni, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Genovese billi tiddikjarah responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elf sitt mija u dsatax 'l lira maltin (LM1619.00) u konsegwentement tikkundanna lill-istess Paul Genovese jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjes kollha tal-kawza.

Onor Imhallef Albert J. Magri